KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 06

**Il-Ġimgħa 15 ta' Novembru 2019**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Christianne Mifsud - Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Min]abba li s-Sindku kien inqabad fit-traffiku u kien hemm quorum, kien hemm qbil li l-laqgħa għandha tibda u titmexxa mill-Vici Sindku.

## 06.1 Qari tal-Apoloġiji

06.1.1 Is-SE infurmat li kien hemm ittra ta' apoloġija min-naħa tal-Kunsillier Mifsud. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 06.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 05

06.2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv (SE) prezentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

06.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 5 ġew approvati. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

06.2.3 Minħabba li s-Sindku ma kienx għadu wasal, kien hemm qbil li l-item tal-kommunikazzjoni mis-Sindku għandu jitmexxa aktar lura.

## 06.3 Talba għal parkeġġ komuni għal persuni b'dizabilità fi Triq Dar il-Kaptan

06.3.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet talba mingħand TM għal parkeġġ komuni għal persuni b'dizabilità quddiem Dar il-Kaptan. Il-Kunsill qabel li jitneħħa parkeġġ ta' GOTO biex jakkomodah. Is-SE se tieħu ħsieb tinforma lil TM b'dan.

## 06.4 Rapport ta' Ħidma

06.4.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-rapport ta' ħidma lill-Kunsilliera permezz tal-*email*. Il-Kunsill approva d-dokument.

06.4.2 Is-SE infurmat li dan kien se jinqara waqt il-laqgħa ta' ħames snin ħidma li kienet se tinzamm nhar l-Erbgha 11 ta' Dicembru fis-6:30pm.

06.4.3 Hawnhekk wasalis-Sindku. Il-ħin kien 5:45pm.

## 06.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku

06.5.1 Is-Sindku informa li kien sar l-iskambju taz-zgħazagħ u li kollox kien mar kif pjanat. Huwa qal li dan jagħti lok għal aktar possibbiltajiet ta' skambji oħra 'l quddiem.

06.5.2 Is-Sindku informa li kien waqa' l-ħajt fi Triq Vincenzo Bonello wara l-maltemp. Is-SE infurmat li kienet attendiet għal laqgħa ma' rapprezentanti tal-Ministeru u li kienu infurmawha li x-xogħol se jibda fi ftit ġranet.

06.5.3 Is-SE infurmat li kellha estenzjoni tal-offerta tal-kuntratt tal-ġbir ta' skart, liema kuntratt kien jagħlaq fil-31 ta' Jannar 2020. Kien hemm qbil li jerġa' jiġi estiz għal sena oħra.

06.5.4 Is-SE infurmat li kienet ġiet mitluba biex tagħmel *performance review* għaz-zewġ impjegati tal-CWS, wieħed li kien tkeċċa u ieħor li beda riċentament. Il-Kunsill approva z-zewġ *performance reviews* hekk kif mgħoddija mis-SE.

06.5.5 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li nordnaw uniformi *high vis* għall-*handymen*. Is-SE kienet se tieħu ħsieb li dawn jinxtraw. Sadanittant infurmat ukoll li xtaqet li s-sena d-dieħla tinxtara uniformi ghall-istaff tal-uffiċċju matul is-sena li ġejja. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

06.5.6 Dwar Ġnien is-Sinjura, is-SE infumat li kienet irċeviet kommunikazzjoni li t-talba tal-Kunsill ma ġiex aċċettata u għaldaqstant se terġa' tibda l-proċedura biex tinħareġ offerta ġdida.

06.5.7 Is-SE għaddiet kopja tal-pjanta li rċeviet mingħand il-perit għall-parkeġġi ġodda fi Triq Dar il-Kaptan. Hija infurmat li s'issa kienu ddaħħlu biss 4 parkeġġi zejda u għaldaqstant kienet bagħtet proposta lura biex jiddaħħlu zewġ parkeġġi ġodda għal massimu ta' sitt parkeġġi. Wara diskussjoni kien hemm qbil li s-SE għandha titlob lill-Periti biex jikkunsidraw li titnaqqas il-bankina fuq iz-zewġ naħat u jiddaħħlu wkoll parkeġġi mal-faċċata l-oħra tat-triq.

06.5.8 Is-SE infurmat li t-tapit li ġie rrakkomandat min-naħa tal-periti għal taħt l-*outdoor gym* kien jiswa ftit 'il fuq minn €4000 biex jiġi installat. Is-SE issuġġeriet li jintuzaw il-fondi tal-PA għal dan il-għan. Il-Kunsill qabel.

06.5.9 Is-Sindku informa li kien ġie avviċinat mis-sid tal-ħanut Wearania minħabba ħsara li saret fuq is-sistema tal-ilma li tinsab fil-*meter room* ta' ħdejn il-*lifts*. Is-SE spjegat li din il-kamra hija komuni għal numru ta' ħwienet kif ukoll għall-Kunsill Lokali u m'hemm xejn x'juri li l-ħsara saret min-naħa tal-Kunsill Lokali. Min-naħa l-oħra, wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħti kumpens ta' €500 li huwa biss parti mill-ammont tal-kontijiet irċevuti. Dan kollu b'turija ta' rieda tajba u mhux għax hemm obbligu jew qed tiġi aċċettata ebda ħtija jew tort.

## 06.6 Skemi Finanzjarji

06.6.1 Is-SE infurmat li kienu tħabbru numru ta' skemi għas-sena 2020. L-għan ewlieni ta' dawn l-iskemi huwa li joħolqu iżjed inklużjoni u innovazzjoni. Se jkun hemm skemi wkoll dwar l-inklussività, oħrajn li jżidu l-aċċessibilità u l-mobilità, se jsiru skemi li se jkomplu jsaħħu l-komunitajiet u li huma favur l-ambjent, it-tnaqqis tal-iskart u l-ħarsien tal-annimali u se jkun hemm ukoll skemi li se jżidu l-użu tat-teknoloġija fil-lokalitajiet.

06.6.2 Is-SE infurmat li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-fondi tal-LESA biex jinxtraw bankijiet u laned taz-zibel kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill kien se jibbenefika minn €2156. Għaldaqstant kienet se tieħu ħsieb li dawn jinxtraw.

06.6.3 Is-SE infurmat ukoll li kienu qed jiġu offruti numru ta' *smart bins* min-naħa tal-Gvern Ċentrali biex jitwaħħlu fil-lokalità. Kien hemm qbil li jintalbu minimu ta' għoxrin doppji.

06.6.4 Is-Sindku għamel talba lis-SE sabiex issir xi tip ta' struttura għall-ġenituri li jkunu qed jistennew ħdejn l-Iskola Primarja.

## 06.7 Attivitajiet

06.7.1 Is-Sindku informa li bħala attivitajiet tal-Milied, kienet se tinzamm attività nhar it-13 ta' Diċembru ; nhar l-14 ta' Diċembru kienet se tinzamm l-ikla tal-komunità; nhar il-15 tax-xahar kienet se tinzamm il-mawra għal Għawdex u nhar it-23 ta' Diċembru kien hemm il-festin għall-anzjani.

## 06.8 Kommunikazzjonijiet min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rapprezentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

06.8.1 Is-SE infurmat li minħabba li l-Kunsillier Mifsud kienet għadha marida, ma kienx hemm kommunikazzjonijiet x'jiġu mgħoddija min-naħa tagħha.

06.8.2 Is-SE kompliet tgħid li skont *email* li għaddiet lill-Kunsilliera kollha, kienu ġew definiti r-responsabbiltajiet ġodda tal-Kunsilli Reġjonali, u fosthom kienu qablu li r-Reġjun joffri s-servizz ta' skrivan/a lil dawk il-Kunsill li jkollu bzonn ta' għajnuna temporanja fl-uffiċċju minħabba nuqqas ta' staff. Hija infurmat li għajuna simili kienet tgħin ħafna lil Kunsilli zgħar bħal tal-Imtarfa li ġieli ġie f'diffikultà simili.

## 06.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

06.9.1 Is-Sindku informa li ma kienx għad sab ħin biex ikellem lill- MAD Promotions fir-rigward tal-*uplighters* sabiex jitlobhom *credit note*.

06.9.2 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Viċi Sindku propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 06.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

06.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pmu ġiet aġġornata għall-Erbgha 11 ta' Diċembru fil-5:00pm. Ezattament wara kienet se tinzamm il-laqgħa ta' ħames snin ħidma.

Konfermati, illum l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2019.

**IFFIRMATA**
Daniel John Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv